**27 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo Aquilina

*versus*

Lawrence Ciantar *noe*

**Ritrattazzjoni – Notifika – Irregolarità ta' Notifika – Nullità – Proċeduri b'Libell**

*Il-libellant talabt ritrattazzjoni a tenur ta' l-art 811(b) tal-Kap. 12 għaliex allega li ma kienx validament notifikat. Ġiet eċċepita n-nullità tal-Libell għaliex il-paragrafi ma kinux numerati.*

*Bħala regola l-Atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Ir-rigorożità proċedurali u formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk m'għandhomx janimaw l-andament tal-kawżi speċjalment meta l-parti li tissenjalahom ma ssofri assolutament ebda preġudizzju bħall-każ preżenti.*

*Il-Qorti sabet illi l-libellant ma għamilx il-prova rikjsta minnu b'mod sodisfaċenti li ma rċeviex l-Atti u għalhekk ċaħditlu t-talba.*

Il-Qorti: –

Rat il-libell ta' ritrattazzjoni ta' Carmelo Aquilina li jaqra hekk:

"Illi in forza ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru 1990

fil-kawża fl-ismijiet "Lawrence Ciantar bħala *Chairman* għannom u in rappreżentanza tal-korporazzjoni Enemalta *vs* Carmelo Aquilina" (ċitaz. Nru. 654/90AD), dina l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur *nomine* u (1) iddikjarat lill-konvenut responsabbli għall-ħsara kkawżata f'*Underground Cable,* proprjetà ta' l-attur *nomine,* li tinsab fi *New Street off Mill Street,* Qormi, liema ħsara ġrat fl-24 ta' Ġunju 1988;

2. Ikkundannatu jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm448.77 in linea ta' danni sofferti mill-attur *nomine* bħala konsegwenza tal-ħsarat ikkawżati fl-imsemmija *underground cable,* bl-ispejjeż;

Illi l-aggravju ta' l-esponent li jagħti lok għat-talba għal ritrattazzjoni hu bbażat fuq il-fatt li ċ-ċitazzjoni ma ġietx innotifikata lill-parti telliefa, jiġifieri lill-esponent, u huwa ma deherx fis-smiegħ tal-kawża, liema aggravju hu kkontemplat fl-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Illi l-fatti fil-qosor li jiġġustifikaw l-aggravju u r-raġuni fuq imsemmija huma dawn;

Il-kopja ta' l-att taċ-ċitazzjoni mibgħuta lill-esponent ma ħadhiex hu, iżda ħaditha oħtu, fid-dar 41A Madliena Road, Madliena, però hija ma kkonsejathiex lill-esponent minħabba preokkupazzjonijiet oħra, u għadha sal-lum ma tafx x'għamlet biha, x'aktarx spiċċat biex remietha, ħaġa li saret bi żvista;

Peress illi l-esponent ma kienx jaf li waslet dina l-karta maħruġa mill-Qorti huwa ma kienx f'posizzjoni li jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu u jidher quddiem il-Qorti biex jiddefendi ruħu. L-esponent ma għandux ibati preġudizzju u jiġi penalizzat

meta l-att taċ-ċitazzjoni ma ġiex a konoxxenza tiegħu;

Dan jiġġustifika t-talba ta' l-esponent għar-ritrattazzjoni tal-kawża f'dina l-ewwel istanza in bażi għall-artikolu 811(b) u artikolu 812 tal-Kap. 12;

Għaldaqstant l-libellant, filwaqt li jġib l-annessa malleverija biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dina l-proċedura, fil-waqt li jagħmel riferenza għall-provi u għas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1990, u jirriżerva li jipproduċi l-provi kollha ammissibbli skond il-liġi jitlob umilment prevja t-tħassir tas-sentenza mogħtija minn dina l-onorabbli Qorti fit-12 ta' Ottubru 1990 hawn fuq riferita li a bażi ta' l-artikolu 811(b) fuq imsemmi, u ċjoè għaliex iċ-ċitazzjoni ma ġietx innotifikata lill-parti telliefa u din ma dehritx fis-smigħ tal-kawża, u tiġi ordnata minn dina l-onorabbli Qorti r-ritrattazzjoni tal-kawża, u tgħaddi għas-smigħ wara li l-esponent *jippreżenta* l-eċċezzjonijiet tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-libellat *nomine;*

Rat ir-risposta ta' Lawrence Ciantar *nomine* li biha isottometta hekk:

"1. Illi preliminarjament *il-libell* fl-ismijiet premessi huwa null stante illi l-fatti hemm esposti m'humiex numerati *ai fini* ta' l-artikolu 128 tal-kodiċi ta' l-organizzazzjoni u proċedura ċivili;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent hu tal-fehma illi t-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet Lawrence Ciantar bħala *Chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-korporazzjoni Enemalta *vs* Carmelo Aquilina m'għandhiex tkun milqugħa stante li n-notifika lill-imsemmi

Carmelo Aquilina saret skond il-liġi fir-residenza tal-konvenut 41A Madliena Road, Madliena u tħalliet ma' membru tal-familja ta' l-istess Carmelo Aquilina;

3. Illi għalhekk in-notifika lill-konvenuta hija valida u saret *ai termini* ta' l-artikolu numru 187 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;

4. Illi għalhekk it-talba għar-ritrattazzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 811(b) u 812 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta hija inammissibbli;

5. Għalhekk l-esponent umilment jitlob li dina l-onorabbli Qorti:

(a) tiddikjara null u bla effett il-libell odjern stante li jonqsu partikolaritajiet essenzjali preskritti mil-liġi;

(b) Sussidjarjament tiċħad it-talba tal-libellant għar-revoka tas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1990 stante illi n-notifika taċ-ċitazzjoni hija valida u skond il-liġi u saret *ai termini* ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-libellant;

Eżaminat il-provi li tressqu kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Eżaminat ukoll bl-akbar reqqa n-nota ta' osservazzjonijiet li d-difensuri skambjaw bejniethom;

Ikkunsidrat:

Illi l-libellat talab li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett il-libell promotorju ta' dan il-proċess billi fih jonqsu partikolaritajiet essenzjali preskritti mil-liġi u ċjoè l-fatti hemm esposti m'humiex numerati *ai fini* ta' l-artikolu 128 tal-Kodiċi *ta' organizzajoni u proċedura ċivili;*

Illi verament jirriżulta li l-libellant naqas li jenumera il-paragrafi tal-libell tiegħu, kif jiddisponi l-imsemmi artikolu. Però fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan in-nuqqas ma hux wieħed tant serju li għandu jġib il-konsegwenza tan-nullità ta' l-istess libell. Bħala regola, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzjoni sostanzjali fuq il-mertu tal-każ. Ir-rigorosità proċedurali u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk m'għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawżi, speċjalment meta l-parti li tissenjalhom ma ssofri assolutament ebda preġudizzju bħal ma hu l-każ odjern;

Għalhekk din l-ewwel preġudizzjali tal-libellat trid tiġi miċħud però, billi l-libellant ma mexxiex rigorosament skond il-liġi, hu ġust li l-libellant jinażmm responsabbli għall-ispejjeż konnessi magħha;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li pprecedew dan il-libell jistgħu jiġu elenkati fil-qosor b'dan il-mod: –

Il-libellat ippreżenta ċitazzjoni (Nru. 654/90) kontra l-libellant (ara fol. 25 u 26). Fit-18 ta' Ġunju 1990 din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) għat-12 ta' Ottubru 1990. Fl-atti ta' dik il-kawża

fis-6 ta' Awissu 1990, l-uffiċjal inkarigat, għamel riferta li biha rreġistra li Carmelo Aquilina ġie nnotifikat fit-3 ta' Awissu 1990 b'posta rreġistrata kemm bil-kopja taċ-ċitazzjoni u kemm bl-avviż għas-smigħ tal-kawża;

Fit-12 ta' Ottubru 1990 Carmelo Aquilina l-konvenut ġie imsejjaħ tliet darbiet iżda ma deherx. L-attur ressaq il-provi tiegħu u l-kawża ġiet deċiża fil-kontumaċja tal-konvenut, kif hemm imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-libell odjern. Bil-libell odjern il-libellant qed jitlob li l-kawża msemmija ċitaz. Nru. 654/90 deċiża fit-12 ta' Ottubru 1990, tiġi ritrattata u dan għall-motivi kontenut fl-art. 811(b) Kap. 12;

*Omissis;*

Illi ma ġiex ikkontestat li l-kopja taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smigħ tal-kawża twassal lill-attur permezz ta' ittra rreġistrata fit-3 ta' Awissu 1990 skond il-kopji tar-riferti a fol. 28 u 33 tal-proċess. Ma ġiex ikkontestat ukoll li din l-ittra rċevietha oħt l-attur ċjoè Anna Aquilina fir-residenza ta' l-attur u fl-indirizz postali tiegħu. B'hekk *prima facie* jidher li n-notifika in kwistjoni saret regolarment a tenur ta' l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 billi tħalliet ma' membru tal-familja fir-residenza tiegħu. L-attur qiegħed jattakka dik in-notifika billi sostanzjalment qiegħed jgħid li ma kienx jaf bil-kawża in kwistjoni u sar jaf biha biss, dak inhar li l-Marixxal mar jesegwixxi mandat ta' qbid li ġie ottenut in esekuzzjoni tas-sentenza li ngħatat fit-12 ta' Ottubru 1990;

Illi ma hemmx dubju li l-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni jinkombi unikament fuq l-attur, li inoltre jkun irid jipprova sodisfaċentement li ma kellu ebda ħtija f'dak li ġara;

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti l-attur ma rnexxilux jagħmel din il-prova rikjesta minnu b'mod sodisfaċenti. Infatti, ix-xiehda ta' l-attur mhijiex kategorika fis-sens lil l-kopja taċ-ċitazzjoni qatt ma rċeviha ("issa jekk ħadtha ma jiftakarx");

Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti ma tarax li f'dak li ġara l-attur ma kellu ebda ħtija. Oħtu xehdet li l-ittri li jaslu għall-attur tħallihomlu fuq skrivanija partikolari fid-dar tagħhom. Kien dover ta' l-attur li kien jaf b'dan l-arranġament li jieħu ħsieb li jiġbor l-ittri li jaslulu u jara li ma jintilfux fost karti oħra. Jekk dan id-dover, l-attur ma qdiehx isegwi li l-iżball jew il-kolpa kienu b'xi mod attribwibbli lill-istess attur. Isegwi li s-sentenzi ċitati mil-libellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ma jiswewx biex jissotanzjaw il-libell odjern;

Għalhekk l-attur ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li n-notifika in kwistjoni ma kinitx waħda valida u regolari u konsegwentement it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tal-kawża ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talbiet tal-libellanti bl-ispejjeż kontra tiegħu.